Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Ġenerali

Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Avd. Trib. Eccl. Melit.

Mandat ta' Inibizzjoni Numru 30/2019BS

Salvu Cassar (KI 51850G) u
Flavia Cassar (KI 38255G)

Vs

Awtorita ta' l-Artijiet
Assistent Direttur Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex għal kull interess li jista jkollu

Digriet Kamerali tal-2 ta' Settembru 2019

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ippreżentat fit-22 ta' Awissu 2019 minn Salvu Cassar u Flavia Cassar (minn issa 'l quddiem imsejha "ir-rikorrenti"), li permezz tiegħu talbu il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-Awtorita' ta' L-Artijiet u l-Assistent Direttur Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex għal kull interess li jista' jkollu (minn issa 'l quddiem imsejħin "l-intimat") biex jinżammu milli jneħħu planter ossia ġiardina żgħira li tinsab fi sqaq numru 3 ( drabo oħra 4) fi triq l-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Awissu, 2019 li permezz tiegħu laqgħet ir-rikors proviżorjament, tat lill-intimata żmien għar-risposta, u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għas-27 ta' Awissu 2019;

Rat illi l-intimat ġew notifikati fit-23 ta' Awissu 2019;

Rat ir-risposta ta' l-intimati tas-27 ta' Awissu, 2019;

Rat l-atti tar-rikors u tal-mandat inklużi d-dokumenti esibiti;

**Ikkunsidrat:**

L-abbli difensur tar-rikorrenti fis-seduta tat-30 ta' Awissu, 2019, in vista tad-depożizjoni tax-xhud Martin Bajada rtira l-mertu tal-mandat iżda żamm ferm il-kap ta' l-ispejjeż.

**Għal dawn il-motivi**:

Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-22 ta' Awissu 2019 li permezz tiegħu laqgħet it-talba proviżorjament;

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni.

Kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) Maureen Xuerb
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur